

Brussell, 24 ta' Mejju 2017  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0015 (COD)

---

---

8596/1/17  
REV 1

TRANS 155  
CODEC 667  
MI 359  
EDUC 157  
IA 66

## RAPPORT

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6813/5/17 REV 5 TRANS 85 CODEC 290 MI 171 EDUC 97
Nru dok. Cion:	5671/17 TRANS 28 CODEC 107 MI 91 EDUC 32 + ADD 1-4
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan – Approċċ ġenerali

---

## INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Filwaqt li skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, id-Direttiva 2003/59/KE ġiet implimentata mingħajr problemi kbar, u b'hekk tat kontribut rilevanti lis-sigurtà fit-toroq u lill-mobilità tal-forza tax-xogħol, il-ħsieb tal-proposta huwa li tindirizza għadd ta' nuqqasijiet li ġew identifikati bejn l-2012 u l-2014 f'evalwazzjoni *ex post*.

3. Il-proposta għandha l-għan li
  - ittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku tat-taħriġ obligatorju li jsir minn sewwieqa professjonali,
  - timmodernizza r-rekwiżiti tat-taħriġ u tiċċara r-relazzjoni tagħhom mar-rekwiżiti tat-taħriġ stabbiliti f'liġijiet oħra tal-UE,
  - tnaqqas l-ambigwià rigward l-eżenzjonijiet mill-obbligi tad-Direttiva, u
  - tiċċara r-rekwiżiti ta' età minima ta' sewqan li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttivi 2003/59/KE u 2006/126/KE, sabiex tiżgura l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli tal-UE.
4. Fl-14 ta' Diċembru 2016, qabel il-proposta li qed tiġi diskussa, il-Kummissjoni kienet ipproponiet emendi dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 2006/126/KE, bħala parti minn proposta orizzontali.<sup>1</sup>
5. Fit-3 ta' April 2017, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew (TRAN) ħatar lis-Sur Peter Lundgren (EFDD, SE) bħala relatur. Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) iddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali biħsiebu jadotta l-opinjoni tiegħu fil-31 ta' Mejju 2017. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar il-proposta.
7. Is-Senat tal-Parlament Rumun bagħat l-opinjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità permezz ta' ittra datata s-26 ta' April 2017<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Ara d-dokument ST 5623/17 + ADD 1 REV 1.

<sup>2</sup> Ara d-dokument ST 8562/17 INIT.

## ĦIDMA FIL-KUNSILL

8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda jeżamina l-proposta fit-3 ta' Frar 2017. Fis-7 ta' Frar 2017 studja l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni. Id-delegazzjonijiet irrikonoxxew b'mod ġenerali li din il-valutazzjoni tista' tintuża bħala l-bażi għal proposti regolatorji. Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw l-importanza li tintgħażel għażla ta' politika biex jintlaħaq ir-rikonoxximent reċiproku tat-taħriġ miksub fi Stat Membru ieħor. Intalab aktar dettall dwar l-ispejjeż amministrattivi għall-ħruġ ta' kards ta' kwalifika tas-sewqan lil sewwieqa minn Stati Membri oħra. Xi delegazzjonijiet innotaw li l-valutazzjoni tal-impatt setgħet daħlet aktar fil-fond fit-tqabbil tar-rekwiżiti amministrattivi tas-sewwieqa fl-UE ma' dawk ta' sewwieqa ta' pajjiżi terzi. Diversi delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti dwar il-kunċett ta' "taġħlim elettroniku" u dwar id-definizzjoni tal-eżenzjonijiet minn rekwiżiti ta' taħriġ. Rigward din tal-aħħar, il-Presidenza nnutat li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovdiet analiżi dettaljata tal-esklużjoni tas-sewwieqa li jgħorru oġġetti marbuta mal-agrikoltura bħala parti min-negozju agrikolu taġħhom (l-għadd ta' dawk affettwati, l-isfida possibbli għall-għanijiet tad-Direttiva).
9. Bejn l-14 ta' Marzu u l-11 ta' April 2017, il-Presidenza ppreżentat għadd ta' dokumenti ta' kompromess sabiex jinstabu punti ta' qbil għal xi wħud mill-bidliet proposti. Il-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma hija inkorporata fit-test ippreżentat fl-anness.
10. L-emendi miftiehma jikkonċernaw prinċipalment il-formulazzjoni u l-interpretazzjoni ta' eżenzjonijiet, il-proċedura u l-istrumenti li għandhom jintużaw sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' taħriġ għas-sewwieqa mitmum, l-organizzazzjoni tat-taħriġ għas-sewwieqa u dispożizzjonijiet tranżitorji.
- 10.a. Fl-24 ta' Mejju 2017, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess u qabel li jippreżentah lill-Kunsill (TTE/Trasport fit-8 ta' Ġunju 2017) għall-adozzjoni ta' approċċ ġenerali.

## **KWISTJONIJIET PENDENTI**

11. Il-Grupp ta' Ħidma indirizza l-kwistjonijiet kollha mqajma mid-delegazzjonijiet, u wasal għal test ta' kompromess li jidher li huwa aċċettabbli għad-delegazzjonijiet kollha. Fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-Grupp ta' Ħidma rnexxielu jipprovdi kjarifiki addizzjonali, waqt li jżomm ċerti termini miftuħa għall-interpretazzjoni, minħabba prattiki u ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri. Waħda mid-delegazzjonijiet tenniet l-iskontentizza tagħha dwar il-kompromess dwar l-eżenzjonijiet.
12. Diversi delegazzjonijiet esprimew tħassib li s-soluzzjoni li nstabet għat-titjib tar-rikonoxximent reċiproku ser tkun tinvolvi spejjeż amministrattivi konsiderevoli. Delegazzjonijiet oħrajn kienu jippreferu proposta aktar ambizzjuża li ttejjji għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni. Delegazzjoni waħda fittxet kjarifika addizzjonali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji.<sup>3</sup>
13. Xi delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-fatt li nżammet proċedura separata li tippermetti lil sewwieqa ta' vetturi li jgħorru oġġetti, u li huma ċittadini ta' pajjiż terz, ikomplu jużaw l-attestazzjoni ta' xufier tagħhom, maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, bħala evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti ta' taħriġ. Madankollu, it-test ta' kompromess jieħu ħsieb li jtejjeb il-proċedura eżistenti bl-inklużjoni obbligatorja ta' kodiċi speċifiku dwar l-attestazzjoni ta' xufier.
14. F'dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni żżomm riżerva ġenerali dwar il-bidliet għall-proposta tagħha, filwaqt li tilqa' b'mod ġenerali l-isforzi tal-Kunsill għal approċċ ġenerali.

## **KONKLUŻJONI**

15. Il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar l-approċċ ġenerali kif jinsab fl-anness għal dan id-dokument.

---

<sup>3</sup> Ara l-addendum għal dan ir-rapport.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011<sup>3</sup> il-Kummissjoni tistabbilixxi objettiv ta' "viżjoni zero" fejn l-Unjoni għandha toqrob lejn rata ta' zero fil-fatalitajiet tat-trasport bit-triq sal-2050.
- (2) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza stradali għall-2011-2020<sup>4</sup>, ipproponiet li l-għadd globali ta' fatalitajiet fit-toroq fl-Unjoni sal-2020 jerġa' jitnaqqas bin-nofs, b'bidu fl-2010. Bil-ħsieb li tintlaħaq din il-mira, il-Kummissjoni stabbilixxiet seba' objettivi strateġiċi, inkluż it-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-utenti tat-triq u l-protezzjoni ta' utenti tat-triq vulnerabbli.
- (3) Wara li evalwat l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' nuqqasijiet. In-nuqqasijiet prinċipali identifikati kienu diffikultajiet u inċertezza legali fl-interpretazzjoni tal-eżenzjonijiet; il-kontenut tat-taħriġ, li nstab li hu biss parzjalment rilevanti għall-ħtiġijiet tas-sewwieqa; diffikultajiet għas-sewwieqa biex jiksbu rikonoxximent reċiproku ta' taħriġ mitmum jew parzjalment mitmum li sar fi Stat Membru ieħor; u inkonsistenzi ta' rekwiżiti ta' età minima bejn id-Direttiva 2003/59/KE u d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.
- (4) Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza legali fid-Direttiva 2003/59/KE kull referenza għall-atti tal-Unjoni mħassra jew mibdula għandha titneħħa jew tiġi emendata.

---

<sup>3</sup> White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011) 144 finali).

<sup>4</sup> Komunikazzjoni "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" (COM (2010) 389 finali)

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

- (5) Sabiex ikunu pprovduti ċ-ċertezza u l-konsistenza ma' atti tal-Unjoni oħrajn, għandhom isiru għad ta' bidliet għall-eżenzjonijiet għad-Direttiva 2003/59/KE, b'kont meħud ta' eżenzjonijiet simili skont ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup>. Xi wħud minn dawk l-eżenzjonijiet jirrigwardaw sitwazzjonijiet fejn is-sewqan ma jkunx l-attività prinċipali, pereżempju meta s-sewqan jokkupa inqas minn 30 % fix-xahar tal-ħin tax-xogħol, u fejn dawn il-persuni jitgħabbew b'piż sproporzjonat biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/59/KE.
- (5a) Filwaqt li tinżamm din l-eżenzjoni, jenħtieġ li dawk is-sewwieqa li kienu eżentati mill-kwalifiki inizjali xorta jkunu rikjesti jieħdu taħriġ perjodiku biex jaġġornaw l-għarfien tagħhom li huwa essenzjali għal xogħolhom.
- (6) B'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi fit-taħriġ u fl-edukazzjoni, u sabiex tittejjeb il-kontribuzzjoni tad-Direttiva 2003/59/KE għas-sikurezza stradali u r-rilevanza tat-taħriġ għas-sewwieqa, is-suġġetti relatati mas-sikurezza stradali, bħall-perċezzjoni tal-perikli, il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-toroq, u s-sewqan effiċjenti fl-użu tal-fjuwil għandhom jissaħħu fil-korsijiet ta' taħriġ.
- (7) L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'opzjoni ċara biex itejbu u jimmodernizzaw il-prattiki ta' taħriġ bl-użu tal-għodda tal-ICT, bħat-tagħlim elettroniku u t-tagħlim imħallat, għal parti mit-taħriġ, filwaqt li tkun żgurata l-kwalità tat-taħriġ. Jenħtieġ li ammont sostanzjali mit-taħriġ rikjest skont din id-Direttiva jsir f'ċentru ta' taħriġ approvat.
- (8) Sabiex tkun żgurata l-konsistenza bejn il-forom differenti ta' taħriġ mitluba skont il-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibiltà li jikkombinaw tipi differenti ta' taħriġ rilevanti, bħat-taħriġ dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi, dwar is-sensibilizzazzjoni għad-diżabilità jew dwar it-trasport tal-annimali, mat-taħriġ previst fid-Direttiva 2003/59/KE.

---

<sup>7</sup> Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

- (9) Sabiex prattiki differenti bejn l-Istati Membri ma jitħallewx ifixklu r-rikonoxximent reċiproku u jillimitaw id-dritt tas-sewwieqa li jwettqu t-taħriġ perjodiku fl-Istat Membru fejn jaħdmu, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu obbligati joħorġu d-dokument rilevanti għal kull sewwieq li jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/59/KE. Jenħtieġ li d-dokument ikun rikonoxxut b'mod reċiproku, inkluż fl-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit minimu għal dokumentazzjoni ma jfixkilx żviluppi ulterjuri tal-kooperazzjoni ta' Stati Membri f'dan il-qasam permezz ta' reġistrazzjoni u skambju ta' informazzjoni elettroniċi.
- (9a) L-użu tal-attestazzjonijiet ta' xufier bħala evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti ta' taħriġ minn sewwieqa minn pajjiżi terzi jista' jkun ta' xkiel għas-sewwieqa meta t-trasportatur irodd lura l-attestazzjoni lill-awtoritajiet emittenti, speċjalment meta dawn is-sewwieqa jkunu jixtiequ jidħlu f'impjieg fi Stat Membru ieħor. Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn taħt ċirkostanzi bħal dawn is-sewwieqa jkollhom jirrepetu t-taħriġ tagħhom meta jibdedw impjieg ġdid, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwalifiki tas-sewwieqa.
- (9b) Biex ikun hemm transizzjoni bla xkiel, jenħtieġ li l-attestazzjonijiet ta' xufier validi u l-kards ta' kwalifikazzjoni tas-sewwieq validi maħruġa skont ir-regoli applikabbli qabel l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet emendati, ikunu rikonoxxuti sad-data tal-iskadenza tagħhom. L-emendi ma jinvalidawx it-taħriġ meħud jew il-liċenzji tas-sewqan maħruġa biex jiċċertifikaw tali taħriġ, qabel l-applikazzjoni tagħhom.
- (10) Sabiex ikun hemm ċarezza legali u jkunu żgurati rekwiżiti ta' età minima armonizzati għall-finijiet stabbiliti fid-Direttiva 2003/59/KE, għandha tiġi stabbilita deroga ċara fid-Direttiva 2006/126/KE, fejn jiġi stipulat li l-liċenzji tas-sewqan jistgħu jinħarġu fl-etajiet minimi previsti fid-Direttiva 2003/59/KE. Din il-kjarifika tikkonċerna l-età minima ġenerali tas-sewwieqa ta' ċerti kategoriji ta' vetturi li jkollhom CPC u ma temendax l-għażliet eżistenti li jnaqqsu dawn ir-rekwiżiti ta' età minima, jew jipprovduhom eżenzjonijiet.



- (10a) Jenħtieġ li l-emendi għad-Direttiva 2006/126/KE jkunu limitati għal dawk li huma direttament relatati mar-reviżjoni tad-Direttiva 2003/59/KE. Jidher li analiżi aktar bir-reqqa tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/126/KE, inkluż id-delineazzjoni bejn ċerti kategoriji ta' vetturi, hija mixtieqa u jenħtieġ li tiġi inkluża fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva 2006/126/KE.
- (11) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tal-istandard mifruq madwar l-UE kollha ta' kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku għas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' oġġetti jew passiġġieri, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba n-natura transkonfinali tat-trasport bit-triq u minħabba l-kwistjonijiet li din id-Direttiva hija maħsuba li tindirizza, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(12) Id-Direttivi 2003/59/KE u 2006/126/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

### *Artikolu 1*

Id-Direttiva 2003/59/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel u t-tieni inċiż huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "— vetturi li għalihom hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-kategorija C1, C1+E, C jew C+E, kif definit fid-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*), jew liċenzja tas-sewqan rikonossuta bħala ekwivalenti,
- vetturi li għalihom hija meħtieġa liċenzja tas-sewqan tal-kategorija D1, D1+E, D jew D+E, kif iddefinit fid-Direttiva 2006/126/KE, jew liċenzja tas-sewqan rikonossuta bħala ekwivalenti.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ir-referenzi għall-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan li fihom sinjal pożittiv ('+') għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrispondenza stabbilita fl-Anness III.

---

(\*) Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) vetturi użati mill-forzi armati, id-difiża ċivili, is-servizz tat-tifi tan-nar, il-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku, u s-servizzi ta' emerġenza bl-ambulanza, jew taħt il-kontroll tagħhom, meta l-ġarr isir bħala konsegwenza tal-kompiti assenjati lil dawk is-servizzi;"

(b) il-punti (d) sa (g) jinbidlu b'dan li ġej:

"(d) vetturi użati fi stati ta' emerġenza jew assenjati għal missjonijiet ta' salvataġġ, inkluż vetturi użati fit-trasport mhux kummerċjali ta' għajjnuna umanitarja;

(e) vetturi użati għall-istruzzjoni fis-sewqan u l-eżami tiegħu għal kwalunkwe persuna li tkun tixtieq tikseb liċenzja tas-sewqan jew CPC, f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 8(1), sakemm ma jkunux qed jintużaw għall-ġarr kummerċjali ta' oġġetti u passiġġieri.

Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tapplikax għal persuna li tkun tixtieq tikseb liċenzja tas-sewqan jew CPC, skont l-Artikolu 6 u l-Artikolu 8(1), meta din il-persuna tkun qed tiegħu taħriġ addizzjonali fis-sewqan waqt tagħlim ibbażat fil-post tax-xogħol, sakemm dik il-persuna tkun akkumpanjata minn persuna oħra ċċertifikata b'CPC, jew minn għalliem tas-sewqan, għall-kategorija tal-vettura użata għal dak l-għan;

(f) vetturi użati għall-ġarr mhux kummerċjali ta' passiġġieri jew oġġetti;

(g) vetturi li jkunu qed iġorru materjal, tagħmir jew makkinarju li jkun ser jintuża mis-sewwieqa matul il-ħidma tagħhom, sakemm is-sewqan tal-vetturi mhux l-attività prinċipali tas-sewwieqa.";

(c) Jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri jistgħu jeżentaw sewwieqa ta' vetturi użati, jew mikrija mingħajr sewwieq, minn impriżi agrikoli, ortikulturali, tal-forestrija, tal-biedja jew tas-sajd għall-ġarr ta' oġġetti bħala parti mill-attività intraprenditorjali proprja tagħhom, sakemm is-sewqan tal-vettura mhux l-attività prinċipali tas-sewwieq. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu tali eżenzjonijiet soġġetti għal kondizzjonijiet individwali fit-territorji tagħhom stess u, bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-eżenzjonijiet mogħtija skont din id-dispożizzjoni u l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwarhom.";

(3) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"It-taħriġ per iodiku għandu jikkonsisti f'taħriġ biex id-detenturi ta' CPC jkunu jistgħu jaġġornaw l-għarfien li huwa essenzjali għax-xogħol tagħhom, b'enfasi speċifika fuq is-sikurezza stradali u r-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-fjuwil.";

(b) it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"It-taħriġ per iodiku għandu jkun imfassal biex jespandi fuq, u biex jirrevedi, xi wħud mis-suġġetti msemmija fit-Taqsima 1 tal-Anness I. Għandu dejjem jinkludi mill-inqas suġġett wieħed relatat mas-sikurezza stradali u għandu jkopri varjetà ta' suġġetti. Is-suġġetti ta' taħriġ għandhom iqisu-l-iżviluppi fil-leġislazzjoni u t-teknoloġija rilevanti u jenħtieġ li kemm jista' jkun iqisu l-ħtiġijiet ta' taħriġ speċifiki tas-sewwieq.";

(4) fl-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Is-sewwieqa msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 għandhom jiksbu l-kwalifika inizjali msemmija fl-Artikolu 5 fl-Istat Membru fejn ikollhom ir-residenza normali tagħhom, kif definit fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2006/126/KE.";

(5) l-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*  
Kodiċi tal-Unjoni

1. Abbażi tas-CPC imsemmi fl-Artikolu 6 u s-CPC imsemmi fl-Artikolu 8(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jimmarkaw, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) u (3) u l-Artikolu 8, il-kodiċi 95 tal-Unjoni Ewropea armonizzat previst fl-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE flimkien mal-kategoriji ta' liċenzja korrispondenti:

- fuq il-liċenzja tas-sewqan, u/jew
- fuq il-kard ta' kwalifika tas-sewqan imħejjija f'konformità mal-mudell muri fl-Anness II.

Fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun inkiseb is-CPC ma jistgħux jimmarkaw il-kodiċi tal-Unjoni fuq il-liċenzja tas-sewqan, huma għandhom joħroġu kard ta' kwalifika tas-sewqan lis-sewwieq.

Il-kard ta' kwalifika tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru għandha tkun rikonoxxuta reċiprokament. Meta tinħareġ il-kard, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkontrollaw il-validità tal-liċenzja tas-sewqan għall-kategorija tal-vettura kkonċernata.

2. Sewwieq imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1 li jsuq vetturi użati għall-ġarr ta' oġġetti bit-triq għandu jkun ukoll permess jipprovdi evidenza li għandu l-kwalifika u t-taħriġ previsti f'din id-Direttiva permezz tal-attestazzjoni ta' xufier prevista fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*) sakemm fuqha jkollha l-kodiċi tal-Unjoni 95. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-Istat Membru emittenti għandu jindika, il-kodiċi tal-Unjoni 95 fit-taqsima tar-rimarki tal-attestazzjoni jekk is-sewwieq ikkonċernat ikun issodisfa l-kwalifika tat-taħriġ u r-rekwiżiti għat-taħriġ previsti f'din id-Direttiva.

Attestazzjonijiet ta' xufier maħruġa qabel [*ĠU: daħħal id-data msemmija fl-Artikolu 3(1)*] f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, b'mod partikolari l-paragrafu 7 tiegħu, fid-dawl ta' ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' taħriġ skont din id-Direttiva li fuqhom ma jkollhomx il-kodiċi tal-Unjoni 95, għandhom jiġu aċċettati bħala evidenza tal-kwalifika sad-data tal-iskadenza tagħhom.

---

(\*) Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (*ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.*);

- (6) L-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

## *Artikolu 2*

Id-Direttiva 2006/126/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:
- (a) Il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:
- (i) fil-punt (e), it-tielet inċiż jinbidel b'dan li ġej:
- "l-età minima għall-kategoriji C1 u C1E hija ffissata għal 18-il sena;"
- (ii) fil-punt (g), it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:
- "l-età minima għall-kategoriji C u CE hija ffissata għal 21 sena;"

(iii) fil-punt (i), it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

– "l-età minima għall-kategoriji D1 u D1E hija ffissata għal 21 sena;"

(iv) fil-punt (k), it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

– "l-età minima għall-kategoriji D u DE hija ffissata għal 24 sena;"

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. B'deroga mill-etajiet minimi stabbiliti fil-punti (g), (i) u (k) tal-Artikolu 4(4) ta' din id-Direttiva, l-età minima għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan fil-kategorija C, CE, D1, D1E, D jew DE għandha tkun l-età minima preskritta għas-sewqan ta' tali vetturi għal detenturi ta' CPC stabbilita fl-Artikolu 5(2), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(i), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(ii) jew il-punt (b) tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2003/59/KE rispettivament.

Fejn f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(i) jew it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(3)(a)(ii) tad-Direttiva 2003/59/KE, Stat Membru jawtorizza s-sewqan fi ħdan it-territorju tiegħu minn età aktar baxxa, il-liċenzja tas-sewqan għandha tkun valida biss fit-territorju tal-Istat Membru emittenti sakemm id-detentur tal-liċenzja jilħaq l-età minima rilevanti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u jkollu CPC."

(2) Fl-Artikolu 15, it-test eżistenti jsir il-paragrafu 1 u jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2. In-network tal-liċenzji tas-sewqan tal-UE jista' jintuża wkoll għal skambju ta' informazzjoni dwar il-liċenzji tas-sewqan għal finijiet previsti f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni."

### *Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [*OP: please insert the DATE calculated 24 months following the entry into force*]. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

### *Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### *Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

A. L-Annessi I u II għad-Direttiva 2003/59/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(A) It-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(a) it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-livell minimu tal-kwalifika għandu jkun komparabbli sa tal-inqas il-livell 2 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki kif previst fl-Anness II tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/C111/01(\*)).

---

(\*) Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1).";

(b) il-punt 1.2 jinbidel b'dan li ġej:

"1.2. Objettiv: biex ikunu magħrufa l-karatteristiċi tekniċi u l-operat tal-kontrolli tas-sikurezza, sabiex ikun hemm kontroll tal-vettura, jitnaqqas it-tkagħbir bl-użu u biex il-vettura ma taħdimx ħażin:

limiti għall-użu tal-brejkijiet u r-retarder, użu kkombinat tal-brejkijiet u r-retarder, isir użu aħjar tal-proporzjon bejn il-veloċità u l-gerijiet, isir użu tal-inerzja tal-vettura, jintużaw modi biex tonqos il-veloċità u jintużaw il-brejkijiet fuq il-mogħdijiet għan-niżla, azzjoni fil-każ ta' falliment, użu tal-apparat elettroniku u mekkaniku bħall-Programm Elettroniku tal-Istabbiltà (ESP), is-Sistema Avanzata tal-Brejk ta' Emerġenza (AEBS), is-Sistema Antilokk tal-Ibbrejkjar (ABS), is-Sistemi ta' Kontroll tat-Trazzjoni (TCS) u s-Sistemi ta' Monitoraġġ fil-Vettura (IVMS) u oħrajn, approvati għall-użu, apparat ta' assistenza għas-sewwieq jew awtomatizzazzjoni.";



(c) il-punt 1.3 jinbidel b'dan li ġej:

"1.3. Objettiv: ħila biex isir l-aħjar konsum ta' karburanti:

ottimizzazzjoni tal-konsum tal-fjuwil permezz tal-applikazzjoni tal-għarfien fir-rigward tal-punti 1.1 u 1.2, l-importanza li jiġi antiċipat il-fluss tat-traffiku, id-distanza xierqa u l-użu tal-momentum tal-vetturi, veloċità stabbli, stil ta' sewqan kalm u pressjoni tat-tajers adattata.";

(d) il-punt li ġej jiddaħħal qabel l-intestatura 'Liċenzji C, C+E, C1, C1+E':

"1.3a. Objettiv: kapaċità ta' antiċipazzjoni, valutazzjoni u adattament għar-riskji tat-traffiku:

li wieħed ikun konxju u jadatta għal kundizzjonijiet differenti tat-triq, it-traffiku u t-temp, jantiċipa l-avvenimenti futuri, jadatta għar-riskji tat-traffiku u jinduna b'sitwazzjonijiet perikolużi u jadatta għalihom, b'mod partikolari dawn marbutin mad-daqs u l-piż tal-vetturi u l-vulnerabbiltà tal-utenti tat-triq, bħall-persuni mexjin, iċ-ċiklisti u s-sewwieqa tal-muturi;

jidentifika s-sitwazzjonijiet perikolużi possibbli u jinterpreta sew kif dawn is-sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi jista' jirriżultaw f'sitwazzjonijiet fejn wieħed ma jkunx jista' jevita ħabta u jagħżel u jimplementa azzjonijiet li jżidu l-marġni tas-sikurezza sa tali punt li ħabta xorta waħda tista' tiġi evitata fil-każ li jkun hemm okkorrenza tal-perikli potenzjali.";

(e) il-punt 1.4 jinbidel b'dan li ġej:

"1.4. Objettiv: kapaċità li l-vettura titgħabba skont ir-regoli tas-sikurezza u l-użu korrett tal-vettura:

forzi li jaffettwaw lill-vetturi mexjin, użu ta' rapporti tal-gerboks skont it-tagħbija tal-vettura u l-għamla tat-triq, użu ta' sistemi ta' trażmissjoni awtomatika, kalkolu tat-tagħbija li tista' ġgħorr vettura jew grupp ta' vetturi, kalkolu tal-volum totali, distribuzzjoni tat-tagħbija, konsegwenzi ta' tagħbija żejda fuq il-fus, stabbiltà tal-vettura u ċentru tal-gravità, tipi ta' mballaġġ u paletti;

kategoriji ewlenin ta' oġġetti li jeħtieġu jkunu stivati, u metodi ta' rbit bil-klamp u stivar, użu ta' ċineg għall-istivar, kontroll ta' tagħmir ta' stivar, użu ta' tagħmir ta' tqandil, tqegħid u tneħħija ta' incirajjet.";

(f) il-punt 1.6 jinbidel b'dan li ġej:

"1.6. Objettiv: kapaċità li l-vettura titgħabba skont ir-regoli tas-sikurezza u l-użu korrett tal-vettura:

forzi li jaffettwaw lill-vetturi mexjin, użu ta' rapporti tal-gerboks skont it-tagħbija tal-vettura u l-għamla tat-triq, użu ta' sistemi tat-trażmissjoni awtomatika, kalkolu tat-tagħbija li tista' ġgħorr vettura jew grupp ta' vetturi, distribuzzjoni tat-tagħbija, konsegwenzi ta' tagħbija żejda fuq il-fus, stabbiltà tal-vettura u ċentru ta' gravità.";

(g) il-punt 2.1 jinbidel b'dan li ġej:

"2.1. Objettiv: li jkun magħruf l-ambjent soċjali tat-trasport bit-triq u r-regoli li jirregolawh:

perjodi massimi ta' xogħol relattivi għall-industrija tat-trasport; prinċipji, applikazzjoni u konsegwenzi tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006(\*) u (UE) Nru 165/2014(\*\*) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; penali għan-nuqqas ta' użu, użu skorrett u tbaġħbis tat-takografu; tagħrif dwar l-ambjent soċjali tat-trasport bit-triq: drittijiet u dmirijiet tas-sewwieqa fir-rigward il-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku.

---

(\*) Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

(\*\*) Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).";

(h) il-punt 3.7-jinbidel b'dan li ġej:

"3.7. Objettiv: tagħrif tal-ambjent ekonomiku tat-trasport bit-triq tal-merkanzija u l-organizzazzjoni tas-suq:

trasport bit-triq frabta ma' metodi oħra ta' trasport (kompetizzjoni, spedituri), attivitajiet differenti ta' trasport bit-triq (trasport għall-kiri jew bi ħlas, f'isem il-persuna, attivitajiet ta' trasport awżiljari), organizzazzjoni tat-tipi ewlenin ta' kumpanija tat-trasport u attivitajiet ta' trasport awżiljari, speċjalizzazzjonijiet differenti ta' trasport (bawżer, temperatura kkontrollata, oġġetti perikolużi, trasport ta' annimali, eċċ.), tibdil fl-industrija (diversifikazzjoni ta' servizzi mogħtija, linja tal-ferrovija, sottokuntrattar, eċċ.).";

(i) il-punt 3.8 jinbidel b'dan li ġej:

"3.8. Objettiv: tagħrif tal-ambjent ekonomiku tal-ġarr bit-triq ta' passiġġieri u l-organizzazzjoni tas-suq:

ġarr bit-triq ta' passiġġieri frabta ma' metodi oħra ta' trasport ta' passiġġieri (ferrovija, karozza privata), attivitajiet differenti li jinvolve ġarr bit-triq ta' passiġġieri, sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà, qsim ta' frontieri (trasport internazzjonali), organizzazzjoni tat-tipi ewlenin ta' kumpaniji għall-ġarr bit-triq ta' passiġġieri.";

(B) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 2.1 jinbidel b'dan li ġej:

"2.1. *Opzjoni li tikkombina kemm l-attenzenza għall-kors kif ukoll eżami*

Il-kwalifika inizjali trid tinkludi t-tagħlim tas-suġġetti kollha fil-lista tat-Taqsima 1. Id-durata ta' din il-kwalifika inizjali trid iddum 280 siegħa.

Kull sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid isuq għal mill-anqas 20 siegħa individwalment f'vettura tal-kategorija kkonċernata li tissodisfa mill-anqas ir-rekwiżiti għall-vetturi tat-testijiet kif stipulat fid-Direttiva 2006/126/KE.

Waqt li jkun qed isuq individwalment, is-sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid ikun akkumpanjat minn għalliem, impjegat minn ċentru ta' taħriġ approvat. Kull sewwieq jista' jsuq għal massimu ta' tmien sigħat mill-20 siegħa li jsuq individwalment fuq art speċjali jew fuq simulatur tal-aqwa kwalità sabiex ikun ivvalutat it-taħriġ fis-sewqan razzjonali ibbażat fuq regolamenti tas-sikurezza, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tal-vettura f'kundizzjonijiet differenti tat-triq u l-mod ta' kif dawn jinbidlu skont kundizzjonijiet atmosferiċi differenti, il-ħin tal-jum jew tal-lejl, u l-kapaċità li jiġi ottimizzat il-konsum tal-fjuwil.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu li parti mit-taħriġ li jingħata minn ċentru ta' taħriġ approvat permezz tal-għodda tat-teknoloġija ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, bħat-tagħlim elettroniku, filwaqt li jiżguraw li l-kwalità tat-taħriġ tinżamm, u billi jagħżlu s-suġġetti fejn l-għodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu mmobilizzati bl-aktar mod effikaċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-identifikazzjoni affidabbli tal-utent u mezzi xierqa ta' kontroll.

L-Istati Membri jistgħu jqisu t-taħriġ speċifiku meħtieġa skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni bħala parti mit-taħriġ. Dan jinkludi, iżda mhux ristrett għal, taħriġ meħtieġ skont id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*) dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, taħriġ dwar sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(\*\*) u taħriġ dwar it-trasport tal-animali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005(\*\*\*)).

Għas-sewwieqa msemija fl-Artiklu 5(5) it-tul tal-kwalifika inizjali jrid ikun 70 siegħa, inkluż haimes sigħat ta' sewqan mis-sewwieq individwali.

Fit-tmiem ta' dak it-taħriġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-entità maħtura minnhom għandhom jagħmlu eżami bil-miktub jew orali lis-sewwieq. L-eżami jrid jinkludi mill-anqas mistoqsija waħda dwar kull wieħed mill-għanijiet li jidhru fil-lista tas-suġġetti fit-Taqsima 1.

---

(\*) Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Diċembru 2008 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

(\*\*) Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

(\*\*\*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).";

(b) fil-punt 2.2(b), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-vettura użata għall-eżami Prattiku trid tissodisfa mill-anqas ir-rekwiżiti għall-vetturi tat-test kif definit fid-Direttiva 2006/126/KE.";

(C) It-Taqsimit 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"Taqsima 3: Kwalifika inizjali aċċellerata prevista fl-Artiklu 3(2)

Il-kwalifika inizjali aċċellerata trid tinkludi t-tagħlim tas-suġġetti kollha li jidhru fil-lista fit-taqsima 1. Id-durata tagħha trid tkun 140 siegħa.

Kull sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid isuq għal mill-anqas 10 sigħat individwalment f'vettura tal-kategorija kkonċernata li tissodisfa mill-anqas ir-rekwiżiti għall-vetturi tat-test kif definit fid-Direttiva 2006/126/KE.

Waqt li jkun qed isuq individwalment, is-sewwieq li jkun qed jitħarreġ irid ikun akkumpanjat minn għalliem, impjegat minn ċentru ta' taħriġ approvat. Kull sewwieq jista' jsuq għal massimu ta' erba' sigħat mill-10 sigħat ta' sewqan individwali fuq art speċjali jew fuq simulatur tal-aqwa kwalità sabiex ikun iġva lutat it-taħriġ f'sewqan razzjonali bbażat fuq regolamenti tas-sikurezza, b'mod partikulari fir-rigward tal-kontroll tal-vettura f'kundizzjonijiet differenti tat-triq u l-mod li dawn jinbidlu skont kundizzjonijiet atmosferiċi differenti, il-ħin tal-jum jew tal-lejl, u l-kapaċità li jiġi ottimizzat il-konsum tal-fjuwil.

Id-dispożizzjonijiet tar-raba' paragrafu tal-punt 2.1 għandhom japplikaw ukoll għall-kwalifika inizjali aċċellerata.

Għas-sewwieqa msemmija fl-Artiklu 5(5) it-tul tal-kwalifika inizjali aċċellerata jrid ikun 35 siegħa, inkluż sagħtejn u nofs ta' sewqan individwali.

Fit-tmiem ta' dak it-taħriġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-entità maħtura minnhom għandhom jagħmlu eżami bil-miktub jew orali lis-sewwieq. L-eżami jrid jinkludi mill-anqas mistoqsija waħda dwar kull wieħed mill-għanijiet li jidhru fil-lista tas-suġġetti fit-Taqsima 1.

Taqsimha 4: Taħriġ perjodiku obligatorju previst fl-Artiklu 3(1)(b)

Ċentru approvat tat-taħriġ irid jorganizza korsijiet ta' taħriġ perjodiku obligatorji. Id-durata tagħhom trid tkun 35 siegħa kull ħames snin, mogħtija f'perjodi ta' mill-anqas seba' sigħat. Iċ-ċentru ta' taħriġ approvat jista' jipprovdi taħriġ perjodiku bħal dan, in parti, permezz ta' simulaturi tal-aqwa kwalità u bl-użu tal-ġhodka tat-teknoloġija ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, bħat-tagħlim elettroniku, filwaqt li jiżguraw li l-kwalità tat-taħriġ tinżamm, u billi jagħżlu s-suġġetti fejn l-ġhodka tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu mmobilizzati bl-aktar mod effikaċi. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu l-identifikazzjoni affidabbli tal-utent u mezzi xierqa ta' kontroll. Tal-inqas wieħed mill-perjodi ta' seba' sigħat ta' taħriġ għandu jkopri suġġett marbut mas-sikurezza stradali. Il-kontenut tat-taħriġ għandu jkoll il-iżviluppi legali u teknoloġiċi rilevanti u kemm jista' jkun jenħtieġ li jkoll il-ħtiġijiet speċifiċi ta' taħriġ tas-sewwieq. Fuq medda ta' 35 siegħa, għandhom tiġi koperta firxa ta' suġġetti differenti, inkluż taħriġ ripetut fejn ikun muri li s-sewwieq jeħtieġ taħriġ speċifiku ta' rimedju.

L-Istati Membri jistgħu jkollu li jgħoddu t-tlestija ta' taħriġ speċifiku meħtieġ skont leġislazzjoni tal-Unjoni oħra sa wieħed mill-perjodi stipulati ta' seba' sigħat. Dan jinkludi, iżda mhux ristrett għal, taħriġ meħtieġ skont id-Direttiva 2008/68/KE dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, taħriġ dwar it-trasport tal-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005, u taħriġ dwar il-ġarr tal-passiġġieri fuq is-sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltà skont ir-Regolament (UE) Nru 181/2011.";

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(A) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"ARRANĠAMENTI GĦALL-MUDELL TAL-UNJONI EWROPEA TA' KARD TA' KWALIFIKA TAS-SEWQAN";

(B) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(a) dwar in-naħa 1 tal-kard ta' kwalifika tas-sewqan:

(i) fil-punt (d), il-punt (9) jinbidel b'dan li ġej:

"9. il-kategoriji ta' vetturi li għalihom is-sewwieq jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku;"

(ii) fil-punt (e), l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"It-titolu 'Mudell tal-Unjoni Ewropea' fil-lingwa jew lingwi tal-Istat Membru li joħroġ il-kard u l-intestatura 'kard ta' kwalifika tas-sewqan' fil-lingwi uffiċjali l-oħrajn tal-Unjoni, stampati bil-blu biex jiffurmaw l-isfond tal-kard:"

(b) dwar in-naħa 2 tal-kard ta' kwalifika tas-sewqan, fil-punt (a), il-punti (9) u (10) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"9. il-kategoriji ta' vetturi li għalihom is-sewwieq jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku;

10. il-kodiċi 95 armonizzat tal-Unjoni Ewropea previst fl-Anness I għad-Direttiva 2006/126/KE";

(C) Fit-Taqsima 4 l-intestatura tal-mudell tal-kard ta' kwalifika tas-sewqan hija mibdula b'dan li ġej: "MUDELL TAL-UNJONI EWROPEA TA' KARD TA' KWALIFIKA TAS-SEWQAN". Fuq in-naħa 2 tal-mudell, taħt in-numru 10, "Kodiċi tal-Komunità" tinbidel f'"Kodiċi tal-Unjoni".

(D) Tiżdied it-taqsima li ġejja:

"5. Dispożizzjonijiet transizzjonali

Kards ta' kwalifika tas-sewqan maħruġa qabel [*ĠU: daħħal id-data msemmija fl-Artikolu 3(1)*] għandhom jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom."



B. Jizzied l-Anness li ġej:

"Anness III - Tabella ta' korrispondenza għar-riferenzi għal ċerti kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan

<i>Referenza f'din id-Direttiva</i>	<i>Referenza fid-Direttiva 2006/126/KE</i>
C+E	CE
C1+E	C1E
D+E	DE
D1+E	D1E

"

---